MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 4/2015

**Raymond Aquilina ( ID 502765M) u David Aquilina (ID 120667M)**

**vs**

**Mediterranean Samac Co Ltd (C 44907)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 2015 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallashom s-somma ta' tmint elef, erbgha mija u hdax-il Euro u ghoxrin

centezmu (€8,411.20) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta ghall-konsenja ta' hut u li tifforma parti minn ftehim datat 21 ta' Novembru 2013 kif ahjar deskritt fl-avviz promotur.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz u bl-imghax skond il-ftehim sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata fid-19 ta' Jannar 2015 (fol 4 tergo).

Rat illi fis-seduta tat 2 ta' Frar 2015, i-Qorti giet infurmaata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2015 il-Qorti regghet giet infurmata illi qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2015 il_Qorti giet infurmata illi transazzjoni ma sehhietx u ghalhekk gie ippresnetat kapitolu.

Rat illi llum, is-socjeta konvenuta u rappresentant taghha gew imsejjha izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, erbgha mija u hdax-il Euro u ghoxrin centezmu (€8,411.20) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------